MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Numru 518/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**Julian Genovese**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Julian Genovese** ta’ 45 sena, bin Emmanuel u Carmen *nee’* Mallia, mwieled Pieta’ fis-17 ta’ Frar, 1960, residenti 106, Flat 4, Triq Sant Antnin, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita numru 136860M;

Talli fit-12 ta’ Gunju. 2005, ghall-habta ta’ 12:30p.m. gewwa Truq Sant Antnin, San Gwann bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ttanta li jikkaguna

ferita gravi fuq il-persuna ta’ Giovanna Genovese, Lyon Genovese ta’ sena u nofs minn San Gwann, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill-volota’ ta’ Julian Genoveseu dan ai termini tal-artikolu 41, 214. 216 (1) (a) (b) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Giovanna Genovese Debono minn San Gwann, skond kif iccertifika Dr. S. Camilleri M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok,  hinijiet u cirkostanzi hebb ghal Giovanna Genovese, Lydon Laudi, Lyzanne Genovese, u Lydon Genovese sabiex jingurjaha, jdejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u bi glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann hedded lill-istess Giovanna Genovese u lil Lydon Laudi bi kliem u dan bi ksur tal-artikolu 338 (c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Giovanna Genovese u membri tal-familja taghha msemmija aktar ‘il fuq sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata jew kif jidhrilha xierraq l-Onorabbli Qorti u dan ai termini tal-artikolu 383 (1) (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-20 ta’ Gunju, 2006, sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-

procedura sommarja u n-nuqqas ta'oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet il-provi, kif ukoll l-ammissjoni.

Semghet ir-rinunzja fuq it-tieni, it-tielet u l-hames akkuzi.

Stante ammissjoni l-ewwel u r-raba' akkuzi jirrizultaw pruvati.

Rat l-artiikoli 18, 41, 214 u 216 (1) (a) (b) tal-Kap 9.

Ghalhekk issib lill-imputat hati fuq l-ewwel u r-raba' akkuzi, u tiddikjara l-procediment esawrit fuq it-tieni, t-tielet u l-hames akkuza.

Tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' tlettax (13)-il xahar, liema perjodu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------